**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 16 ta' Marzu 2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Stephen Gatt)**

**Vs**

**JOSEF SIVE JOSEPH SHARFID**
**ALEXANDER ANTHONY GIALANZE WHITEFORD**

Kump Nru. 950/2005

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Josef sive Joseph Sharfid**, detentur tal-karta tal-identita numru 392375M**,** **u Alexander Anthony Gialanze Whiteford** detentur tal-karta tal-identita numru 44501L**,** gew akkuzati talli fis-17 t' Ottubru 2005 gewwa l-Msida ghall-habta tas-01:57pm:

a) Bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq ta' vettura Toyota Corolla FBC308 u l-oggetti li kien fiha, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi

haga accidentali w indipendenti mill-volonta taghhom. Dan id-delitt ta' serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Joseph Mary Ciappara.

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg ta' Joseph Mary Ciappara u cioe' vettura Toyota Corolla FBC308, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50).

c) Nakkuza lil Josef sive Joseph Sharfid biss talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll mill-Qorti tal-Appell, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

d) Nakkuza lil Josef sive Joseph Sharfid ukoll talli fl-istess lok, jum hin u cirkostanzi kiser il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-17 ta' Novembru 2002, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi midbula.

e) Nakkuza lil Alexander Anthony Gialanze Whiteford ukoll talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi irrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tas-17 ta' Jannar 2006 (ara *folio* 82);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi dak li rrizulta f'dan il-kaz fil-qosor, kien is-segwenti.

**L-ispettur Stephen J Gatt xehed nhar il-27 ta' Ottubru 2005 (a fol. 32)** u kkonferma li kien Josef Sharfid li l-pulizija PC1446 ra jbabas fis-serratura tal-vettura tat-tip Toyota Corolla FBC308 waqt li Alexander Anthony Whiteford gie nnotat faccata jhares bhala *'look out'*. Meta gie mitkellem sid il-vettura rrizulta li l-hsarat li sofra waqt dan l-attentat ta' serq kien propju il-lock tal-karozza biss li swiet ghaxar liri u disa' u sebghin centezmu Lm10.79 rcevuta tal-hsara giet pprezentata a fol. 43.

**PC1446 Tyron Sammut xehed nhar il- 27 ta' Ottubru 2005 (a fol.46)** u x-xhud ikkonferma li fis-17 t'Ottubru 2005 ghal-habta ta' 13:55hrs huwa kien qieghed jipparkja l-vettura tieghu fi Triq il-Parrocca, kantuniera ma' Ta' Xbiex Seafront meta lemah guvni b'turnavit f'idejh qed jipprova jisgassa karozza. Ix-xhud gharaf lil Josef Sharfid u meta l-imputat innota il-prezenza tal-pulizija huwa ghajjat pulizija u telaq jigri u f'dak il-hin stess Alex Whiteford telaq jimxi fl-istess direzzjoni. Ix-xhud kkonferma li meta ra l-incident, faccata fl-istess triq kien hemm Alex Whiteford li kien qieghed bil-qieghda. X-xhud spjega li ra lil Alex Whiteford propju ftit metri l-boghod minn Josef Sharfid, josserva. X-xhud kkonferma li meta telqu wara li lahaq pparkja, minn hemmhekk mar l-ghassa li kienet propju ftit il-boghod sabiex igib l-assistenza u meta hareg lemah lil Alex Whiteford fit-triq aktar il-fuq, mar jigri u ftit wara nrexxielu jasal sa hdejn Whiteford meta ordnalu sabiex jieqaf u ftit wara arrestah.

**Xehed Joseph Mary Ciappara a fol. 58** fejn ikkonferma li l-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni FBC308 kienet tieghu fid-data tal-incident. Ikkonfermaw li din il-vettura soffriet xi danni fil-17 ta' Ottubru 2005 minhabba li xi individwi pprovaw jisirquha. Kkonferma li l-hsara li sofriet il-vettura kienet fil-lock tan-naha tax-xellug tal-vettura.

**Xehed** ukoll minn jeddu l-imputat **Josef Sharfid** fid-9 ta` Dicembru 2020 fejn in succint huwa jinnega li qatt kellu x'jaqsam ma dan il-kaz u ta spjegazzjoni fejn kien u xkien qed jaghmel fid-data, lok u hin in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi in linea mal-insenjament tal-Qrati Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, din il-Qorti tiddeciedi preliminarjament illi l-istqarrijiet moghtija mill-imputati, li jinsabu *a folios* 39 sa 42, sejrin jigu skartati.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, din il-Qorti hi tal-fehema illi minn ezami ta` l-istess provi rrizulta car li fid-data, lok, hin u cirkostanzi imputati, Josef Sharfid kien propju ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt tas-serq, billi kien beda jbaghbas mas-serratura tal-vettura FCB 308 – u dana filwaqt li Alexander Whiteford kien qieghed ghassa ghal dak li seta jinqala. In effetti s-serq gie mwaqqaf bl-intervent f'waqqtu ta` PC1446 Tyron Sammut li inzerta lemah dak li kien qed isehh u intervjena.

Saret ukoll b'mod konklussiv, il-prova tal-hsara, anke jekk minima, fuq il-lock tal-vettura *de quo* w il-prova tar-recidiva fil-konfront taz-zewg imputati. Mhux l-istess jista jinghad ghall-estremi ta` l-imputazzjoni migjuba fil-paragrafu (d) fil-konfront ta` l-imputat Josef Sharfid.

**Ikkunsidrat**;

Illi wara li gie stabbilit li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet kollha hlief ghal dik migjuba fil-paragrafu (d), l-Qorti sejra tghaddi ghall-kwistjoni tas-sanzjoni; u sejra zzomm quddiem ghajnejha s-segwenti fatturi, u cioe` :

1. It-trapass taz-zmien u d-dewmien zejjed li ha dan il-kaz biex wasal sa hawn - hafna drabi minhabba nuqqas serju ta` interess ta` l-istess imputati f'dawn il-proceduri;
2. Is-sentenzi varji esebiti fil-konfront ta` l-imputati;
3. Il-fedini penali rispettivi u aggornati ta` l-imputati odjerni;
4. Il-fatt li fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni, l-imputat Josef Sharfid ma kienx ghaddej minn zmien tajjeb, u dan kif gie sottomess verbalment mid-difensur tieghu; f'dan il-kuntest ukoll din il-Qorti qed tqis n-nota pprezentata minn Josef Sharfid fit-13 ta` Jannar 2021, partikolarment id-dokument anness – kopja tar-rapport tal-ufficjal tal-probation Gordon Grech datat 12 ta` Ottubru 2020, fejn gie rakkomandat li l-imsemmi Josef Sharfid jista jitqies bhala kandidat idoneju ghal ordni ta` servizz fil-komunita`.

Minn evalwazzjoni dettaljata li saret minn naha tad-dipartiment tal-probation dwar l-imputat, kif riflessa fir-rapport msemmi, din il-Qorti tasal ghall-kokluzjoni li l-imputat ghamel progress kbir fl-imgieba tieghu matul dawn l-ahhar snin. Dan juri lil din il-Qorti li l-imputat lest ghal kull ghajnuna u lest jikkopera. Aktar importanti minn hekk, dan kollu ifisser li effettivament l-imputat gab ruhu b'tali mod, naturalment f'dawn l-ahhar snin, li jindika b'mod car li huwa kandidat tajjeb sabiex jinghata ***a window of opportunity*** - (vide Appell Kriminali Nru 245/2000 VDG, 'Il-Pulizija vs George Farrugia', deciza 18/01/2001).

Illi, fid-dawl ta` dak hawn fuq espost, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra sanzjoni alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija msejsa fuq l-informazzjoni dettaljata moghtija dwar l-

imputat fir-rapport gia hawn fuq imsemmi, li l-imputat ghandu jigi ordnat jaghmel xoghol komunitarju flimkien ukoll ma' ordni ta' *probation* fil-konfront tieghu, liema sanzjoni, fil-fehema ta` din il-Qorti, hija gusta u ekwa, u li tindirizza l-htigijiet ta` l-imputat (li jinghata direzzjoni u jkollu fuqu kontroll) u tas-socjeta` in generali, aktar minn dik ta' prigunerija.

Ghalhekk, sabiex l-ghan ahhari tal-Gustizzja jintlahaq f'dan il-kaz, hija l-fehema ta` din il-Qorti li ghandu jkun hemm, fil-konfront ta` l-imputat, Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li f'dan il-perjodu huwa jindirizza certu aspetti fil-hajja tieghu, kif ukoll Ordni ta' Servizz fil-Komunita' skond l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk ikun jista' jigi zgurat li l-imputat jinghata gwida adekwata, filwaqt li jkun hemm element ta' deterrent qawwi kif ukoll riparazzjoni lejn is-socjeta.

**Decide**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 20, 23, 31, 49, 50, 41(1)(A), 261(B)(C)(G), 263, 264, 265, 270, 279(B), 280, 281, 289, 325, 330 U 533 TAL-KAP 9 TAL-LIGIJIET TA` MALTA, ISSIB :**

1. **LIL JOSEF SHARFID, MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONI KIF MIGJUBA FIL-PARAGRAFU (D), IZDA SSIBU HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KIF MIGJUBA FIL-PARAGRAFI (A), (B) U (C), U** tordna li, *ai termini* ta' Arikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* u Servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-ufficcju tal-*probation*, u bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-hati Josef Sharfid bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Josef Sharfid.

2. **LIL ALEXANDER ANTHONY GIALANZE WHITEFORD, HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KIF MIGJUBA FIL-PARAGRAFI (A), (B) U (E), U TIKKUNDANNAH KOMPLESSIVAMENT GHALL-PIENA TA` SENA PRIGUNERIJA;**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur